**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**
**DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 13 ta' Jannar 2021**

**Kumpilazzjoni numru 18/2021CG**

**Il-Pulizija**
**(Spettur George Frendo)**
**(Spettur Wayne Borg)**

**Vs**

**Rudgear Scerri**
**(ID: 440599M)**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **Rudgear Scerri** li ġie akkużat talli fix-xahar ta' Jannar 2021 u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. Talli involva ruħu f'manipulazzjoni ta' avveniment sportiv kif imfisser fl-Att dwar il-Prevenzjoni tal-Korruzzjoni fl-iSports; (Art. 4 tal-Kap 593 tal-Liġijiet ta' Malta)

2. Talli meta kellu għarfien, sew jekk verbali, bil-miktub, jew xort'oħra, li twettaq reat kontra kwalunkwe mid-dispożizzjonijiet tal-artikolu 4 tal-Kap 593 tal-Liġijiet ta' Malta, naqas milli jgħaddi dak l-għarfien lill-Kummissarju tal-Pulizija; (Art. 5 (1) tal-Kap 593 tal-Liġijiet ta' Malta)

3. Talli ta, jew offra servizz tal-logħob u, jew fornitura ta' logħob kritika li jeħtieġu liċenzja, mingħajr il-liċenzja meħtieġa mill-Awtorità jew minn awtorità oħra kompetenti fl-Unjoni Ewropeja jew fiż-Żona Ekonomika Ewropeja, jew li għen, ħeġġeġ, jew xort'oħra iffaċilita dak l-għoti; (Art (a) tat-Tielet Skeda tal-Kap 583 tal-Liġijiet ta' Malta)

4. Kif ukoll talli wettaq, ippromova, ta għajnuna, ħajjar, jew b'xort'oħra iffaċilita t-twettiq ta' attività li teħtieġ awtorizzazzjoni mingħajr tali awtorizzazzjoni. (Art 13 tal-Kap 583 tal-Liġijiet ta' Malta)

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għal ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat li l-imputat ammetta għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti tatu żmien jikkonsidra l-pożizzjoni tiegħu u spjegatlu l-piena relattiva;

Semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti, wara li semgħet l-ammissjoni tal-imputat u rat id-dokumenti esebiti, tqis li l-imputazzjonijiet ġew sodisfaċentement ippruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti ħadet inkonsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-fedina penali tiegħu li jirriżulta li hija waħda netta, però ħadet ukoll kont tan-natura serja ta' dawn ir-reati li jimminaw l-ispirtu kompetittiv fl-isport.

**DECIDE**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-artikolu 4 u l-artikolu 5 (1) tal-Kapitolu 593 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 23, paragrafu (a) tat-Tielet Skeda, u l-artikolu 13 tal-Kapitolu 583 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat Rudgear Scerri ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u fir-rigward tal-ewwel u t-tieni imputazzjoni tikkundannah għal sentejn (2) priġunerija li b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qegħdin jiġu sospiżi għal perjodu ta' erba' (4) snin mil-lum, filwaqt li fir-rigward tat-tielet u tar-raba' imputazzjoni tikkundannah għall-ħlas ta' multa ta' ħamsin elf ewro (€50,000), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14 (2) tal-Kapitolu 9

tal-Liġijiet ta' Malta tista' titħallas mill-ħati b'rati mensili u konsekuttivi ta' elf u ħames mitt ewro (€1,500), bl-ewwel pagament għandu jsir fi żmien xahar mil-lum, b'dan illi jekk il-ħati jonqos milli jħallas pagament wieħed, il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija skont il-liġi.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jiġri jekk tikkommetti reat ieħor fi żmien erba' (4) snin mil-lum.

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

Diane Gatt
Deputat Reġistratur